MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 210/2003

Il-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)
Vs
Joseph Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-Erbgha l-1 ta' Mejju, 2002 ghall-habta ta' 9.00 a.m. waqt li kien fl-inhawi ta' l-Ibragg waqt stagun miftuh ghall-kacca ta' ghasafar minn fuq l-art, kien ghall-kacca jew ipprova jikkaccja w kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar ta' l-ghamla SKB numru tas-serje S-5633031 li kien ikkargat b'zewg skratacc u mhux fl-ghata waqt li kien inqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew rahal, jew

f’postijiet ohra abitati u dan bi ksur ta’ A.L. 146/93 Art. 9(2).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Novembru, 2003 li biha, wara li rat l-Artikolu 9(2) ta’ l-Avviz Legali 146/93 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ihallas multa ta’ hamsin lira Maltija (LM50) u l-konfiska ta’ l-arma.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta’ Novembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi.

Fliet l-atti processwali ;

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :-

Li 1. l-appellant kien gie akkuzat b’imputazzjoni li tindika specifikatament “ksur ta’ A. L. 146/93 art. 9/2” izda l-artikolu 9 (2) tal-Avviz Legali msemmi bl-ebda mod ma jikkontempla l-imputazzjoni odjerna . L-Avviz Legali 146 tal-1993 kien gie emendat b’Avviz Legali 41ta’ l-2003, izda dan mhux applikabbli ghal dan il-kaz peress li d-data meta sar l-allegat reat kienet l-1 ta’ Mejju, 2002 u dan l-Avviz Legali ma jistax ikollu effett retroattiv . F’ kull kaz l-art. 9 (2) tal-A.L. 146 ta’ l-1993 jitkellem dwar kacca fuq il-bahar . Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx tiddikjara fis-sentenza appellata li kienet qed issib htija taht dan l-artikolu. 2. Illi f’ kull kaz il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz ma jwasslux fil-grad rikjest mill-ligi ghall-htija tal-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant . Tant kellhom dubju l-istess Pulizija li xi granet wara regghu marru jkejjlu d-distanza bejn fejn sabu lill-appellant u l-bini u dan pero’ fl-assenza tal-appellant. Tali kostatazzjoni mhix valida peress li hi nieqsa minn kull verifikazzjoni jew possibilita’ tal-istess dwar minn fejn kejjlu l-Pulizija. Kien imissu sar access mill-Magistrat tal-ghassa. 3. Illi l-artikolu 25 tal-Avviz Legali ma kienx jikkontempla –konfiska ta’ l-arma fil-kaz tal-ewwel reat izda semplicement multa ta’ mhux inqas minn LM50 izda mhux aktar minn LM500.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat ;

Illi dwar l-ewwel aggravju , huwa minnu li kemm fic-citazzjoni kif ukoll fis-sentenza appellata jidher li l-appellant gie akkuzat bi w misjub hati ta’ ksur tal-artikolu 9 subinciz (2) tal-A. L. 146/1993. Issa l-Avviz Legali originali li kien dahal “in vigore” fl-1 ta’ Jannar, 1994 , fl-imsemmi Regolament 9 (2) kien jittratta biss il-kaz ta’ kacca barra mill-istagun maghluq **FUQ IL-BAHAR** u mkien ma kien jsemmi distanza li trid tinzamm minn bliet jew rhula jew postijiet ohra abitati, kif indikat fl-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant. Invece il-projbizzjoni li xi hadd igorr arma tan-nar , kemm jekk ikkargata u kemm jekk le , mhux fl-ghata taghha waqt li jkun inqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew rahal jew post iehor abitat kienet koperta bir-Regolament 9 (4) kif emendat bl-A.L. 107 tas-sena 2000. Bl-Avviz Legali 41 tas-sena 2003 li dahal in vigore fl-1 ta’ Frar, 2003 (ara A.L. 56 tal-2003) imbaghad il-paragrafu (4) tar-Regolament 9 gie ri-enumerat bhala is-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu (2).

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet johorgu is-segwenti konkluzzjonijiet . L-ewwel wahda hi li meta gie kommess l-allegat reat fl-1 ta’ Mejju, 2002, kien diga jezisti ir-reat in dizamina sija pure kopert bil-paragrafu (4) tar-Regolament 9 u mhux bil-paragrafu (2) . U sa kemm giet biex tinhareg ic-citazzjoni fit-13 ta’ Gunju, 2003 dan il-paragrafu tal-istess Regolament kien lahaq gie ri-enumerat paragrafu (2) (a). Ghalhekk il-Prosekuzzjoni kienet korretta meta ccitat ir-Regolament 9 (2) fil-komparixxi u l-istess kienet korretta l-Ewwel Qorti meta ccitat l-istess regolament u paragrafu (2) fis-sentenza appellata. Hawn non si tratta ta’ xi applikazzjoni retroattiva ta’ xi regolament gdid u li ma

kienx jezisti fiz-zmien tal-allegat reat imma biss ri-enumerazzjoni ta' paragrafu f' regolament li kien gja jezisti fiz-zmien tal-kommissjoni tal-allegat reat. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju dan jirrigwarda l-apprezzament tal-fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti fuq il-provi li semghet u li jinsabu traskritti fil-process. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**" [12.5.94; "**ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; "**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should*

*the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.”* (Ara wkoll **BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

Illi din il-Qorti ghamlet dan l-ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta’ htija li waslet ghaliha w ikkonkludiet li ghab-bazi tal-provi li kien hemm , dan setghet taghmlu u li l-konkluzzjoni taghha fir-rigward ma kienet bl-ebda mod “unsafe and unsatisfactory”.

Illi kif irrilevat l-Ewwel Qorti fil-motivazzjoni taghha, l-appellant ma kienx ikkontesta li fil-fatt kien bis-senter f’ distanza ta’ inqas minn mitejn metru minn xi post abitat meta gie konfrontat mill-Pulizija u l-unika rejazzjoni tieghu ma kienetx – kif wiehed kellu jistenna li tkun – li jikkontesta l-estimu tal-kejl li ghamlu l-Pulizija , izda li l-“bini kien resaq lejh u mhux hu resaq lejn il-bini” . Hu argumenta biss li kien ilu zmien twil jikkaccja minn dak il-post. Dan implicitament kien jimplika nuqqas ta’ kontestazzjoni tal-fatt li kien qed jikkaccja f’ inqas mid-distanza regolamentari.

Imbaghad din il-Qorti ma tara li sar xejn hazin jew irregolari bil-fatt li l-Pulizija wara kienu regghu marru ikejjlu biex ikunu aktar fic-cert mid-distanza kif fil-fatt irrizulta li ghamlu. Meta kienu reghhu marru w kejjlu bir-rotella, d-distanza bejn id-dura fejn kien l-appellant u l-eqreb bini kienet biss ta’ 130 metru . Ma hemm xejn fil-ligi li jimpedixxi lil xi xhud milli jerga jmur fuq il-post wahdu biex jivverifika xi dettal jew biex jirrinfriska l-memorja w fil-waqt li fil-procedura penali ghall-access irid ikun prezenti l-akkuzat bhala regola , dan ma japplikax ghall-kaz fejn xhud imur wahdu fuq il-post fuq inizjattiva tieghu.

Jekk l-appellant ried jikkontesta il-fatt tad-distanza xejn ma kien jimpedih li jitlob lill-Ewwel Qorti li jinzamm access fuq il-post jew mill-istess Magistrat li kien qed jippresjedi

jew minn xi perit nominat ghal dan l-iskop. Dan l-appellant ma ghamlux. Imbaghad li jghid li jmissu sar access mill-Magistrat tal-Ghassa biex jigu konservati l-provi dwar id-distanza ma hix sottomissjoni li tista’ tittiehed bis-serjeta’ f’ kaz ta’ din l-entita’ .

Jekk l-Ewwel Qorti hasset li fix-xhieda taghhom , anki wara li regghu marru jiccekkjaw , il-Pulizija kienu qed jixhdu l-verita’ dwar id-distanza , din kienet prova bizzejjed biex l-Ewwel Qorti tkun tista’ tqis il-kaz kontra l-appellant pruvat u ssib htija w ma kienx hemm ebda htiega ta’ accessi, kif del resto dejjem isir fil-maggor parti skjaccanti tal-kawzi sommarji ta’ indoli simili jew bhal fil-kawzi tat-traffiku w kollizzjonijiet, fejn il-lokalita’ jista’ jkollha xi rilevanza ghall-kaz. Imbaghad ma hemmx kwistjoni fuq il-fatt li l-appellant kien bis-senter mhux fl-ghata w kkargat f’dak il-post.

Il-fatt li hu kien f’dura antika w li kien qal lil Pulizija li kien ilu jikkaccja minn hemm madwar erbghin sena’ ma hix estenwanti u lanqas skriminanti , ghax id-distanza li trid tinzamm minn postijiet abitati ma tirrikonoxxi ebda dritt kwezit ta’ kaccaturi li jkunu ilhom jikkaccjaw minn xi post partikolari u ma taghmel ebda distinzjoni u ghandha applikazzjoni generali.
L-appellant ghazel li ma jixhidx quddiem l-Ewwel Qorti u b’ebda mod ma kkontradica jew skredita ix-xhieda taz-zewg ufficjali tal-Pulizija w ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellha ebda raguni ghala ma toqghodx fuq il-versjoni taghhom.

Ghalhekk l-aggravju dwar il-mertu u l-apprezzament tal-fatti mill-Ewwel Qorti wkoll qed jigi respint.

Illi l-aggravju dwar il-konfiska hu bazat fuq il-fatt li r-Regolament 25 tal-A. L. 146/1993 kif emendat jikkontempla biss il-multa ghall-infrazzjoni tal-ligi , meta dan ikun l-ewwel reat . Ghalkemm hu minnu li mill-fedina penali aggornata tal-appellant, jidher li dan kien l-ewwel reat tieghu mhux biss f’ dan il-kamp imma b’mod generali, il-ligi fl-imsemmi regolament ma kienetx tiddistingwi bejn meta wiehed ikun instab hati ghall-ewwel darba jew ghat-

tieni jew aktar drabi , ghall-fini ta’ konfiska. Di fatti id-distinzjoni fil-piena bejn sejbien ta’ htija ghall-ewwel reat jew ghall-aktar minn darba kienet biss fl-applikazzjoni tal-piena karcerarja jew kumulattivament mall-multa jew alternattivament ghaliha.

L-abbli prosekutur argumenta li l-konfiska hija dejjem applikabbli a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9. Fil-fatt ir-Regolament 25 fil-paragrafu (3) kif kien fiz-zmien tal-allegat reat kien espressament jiddisponi li l-artikolu 23 tal-Kap.9 li jipprovdi ghall-konfiska tal-“corpus delicti” ghandu “mutatis mutandis” japplika ghall-procedimenti ghal reati kontra dawk ir-regolamenti bla ebda distinzjoni jekk dan ikunx l-ewwel reat jew le.

Pero’ dan il-paragrafu (3) tar-Regolament 25 gie emendat bl-Avviz Legali 41 tas-sena 2003 , b’mod li l-konfiska saret applikabbli biss fil-kaz tat-tieni reat jew ghal kull reat iehor . Ghalhekk f’dan il-kaz il-ligi specjali ghandha tidderoga ghall-ligi generali nvokata mill-prosekuzzjoni . Imbaghad peress li il-piena nbidlet u saret izjed miti wara l-kommissjoni tar-reat izda qabel ma l-appellant gie akkuzat u sentenzjat , jidher li hu ghandu jibbenefika minn din l-emenda fir-regolamenti li introduciet piena aktar miti billi tirrizerva l-piena tal-konfiska tal-arma biss f’ kaz ta’ kundanna ghat-tieni reat jew kull reat iehor . (vide Prof. Sir. Anthony Mamo : “**NOTES ON CRIMINAL LAW**” (1958) p. 32 et seq. u App. Krim. “**Il-Pulizija vs. Agostino Bugeja”** [Vol. XXIV. Iv. p.941]) Ghalhekk dan l-aggravju jidher gustifikat .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata b’dan li tirrevokaha biss in kwantu ordnat il-konfiska tal-arma w tikkonfermaha fil-kumplament kollu taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------